# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-14 ta’Gunju, 2023

Avviz tat-Talba numru: 18/2022 CL

**Horeca Luxuryy Supplies Lts (C76144)**

**VERSUS**

**Rajan Simon Bharwani (KI nru: 175068M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-17 ta’ Jannar, 2022 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kundannat sabiex jhallas lil attur s-somma komplessiva ta’ elfejn erba’ mija u disgha u disghin euro u tmeina u sebghin (€2,499.78), rapprezentanti bilanc ghal bejgh ta’ mobbli li l-konvenut xtarha mis-socjeta esponenti u li gew ikkonsenjati lil-konvenut fl-ammont ta’ €1970.25 u ghas-servizzi ta’ konsulenza provduta lil-konvenut mis-socjeta esponenti fl-ammont ta’ € 529.23 kif jidhru mill-annessi fattura immarkati Dok A u DokB. Is-socjeta attrici talbet sabiex flimkien mal-ammont jithallas l-imghax legali u l-ispejjez kollha sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li jinsab ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta’ Frar 2022, fejn iddikjara illi il-prodotti u servizzi li dwarhom is-socjeta attrici qed tippretendi hlas, ma gewx rezi lill-konvenut.

Ra l-affidavit ta’ Luca Burruana u Tiziano Debbia a foll 16 u 18 li gew ipprezentati fl-14 ta’ Novembru 2022. Luca Burruana jghid illi huwa direttur ta’ Horeca Supplies Ltd u li kien ilu jaf lil Rajan Simon Bharwani mill-2018. F’Lulju 2020, Horeca Supplies Ltd kienet forniet lil Bharwani bl-affarijiet indikati fid-dokument immarkat Dok A, fl-ammont ta’ €1970.25 ghal hanut tieghu fi Triq il-Merkanti, Valletta *Gelato and More*. F’dak il-perjodu, Bharwani kien talbu biex jibghatlu l-impjegati tas-socjeta attrici Adelaide Pepe, Rosario Manucuso u Martina Mangiafico biex jghinuh qabel ma jiftah il-hanut u fl-ewwel ginghat meta jiftah u ghalhekk l-ammont indikat fild-dokument immarkata Dok B li jammonta ghal €529.53 huwa ghal sieghat li hadmu l-impjegati tieghu fil-hanut tal-konvenut. Dok B intbghatet lil-konvenut wara e mejl li kien bghat il-konvenut stess li jindika s-sieghat li hadmu l-impjegati tieghu mmarkat Dok C ghalkemm fil-fatt Adelaide kienet hadmet 39 siegha u mhux 48 u Martina ma kienitx imnizla li kienet hadmet sitt

sieghat. Ghalhekk hu kien bghat Dok D lil-konvenut bis-sieghat koreguti. Illi s-socjeta attrici kienet halset lil impjegati ghal dawn is-sieghat fil-kaz ta' Martina u Rasario fi flus kontanti u li Adelaide permess ta' *bank transfer* kif jidher mill-anness Dok D. Fl-ewwel granet li fetah il-hanut il-konvenut, hu stess kien ukoll ghamel xi sieghat biex jghinu u li taghhom qatt ma kien talab hlas. Hu kien talab lil-konvenut ghal hlas izda minkejja li kien jghidlu li kien ser jhallas, dan l-ammont baqa' qatt ma thallas. Fil-kontro ezami hu jghid illi hu kien Managing Director ta' Fico Ltd li f'Lulju 2018 kienu krew haunt minghand il-konvenut sal-ahhar tal-2019, meta giet itterminat il-ftehiem bejn Fico Ltd u Bharwani. Hu ma jafx ezatt ghalfejn gie itterminat il-ftehiem peress illi hu kien managing director, li jaf hu li kien hemm xi ftehiem illi Simon kera l-apparat ta' Fico Ltd bhala parti mill-pagament izda ma setax jikkonferma jekk il-konvenut kien hafer l-ammont ta' €19,000 ghax ma kienx baqa' managing director. Mitlub jispjega kif f'Dok A a foll 19, hemm l-isem ta' Fico jekk hu ma kellux x'jaqsam ma' Fico, hu wiegeb illi Fico huwa brand tieghu personali u hija differenti minn Fico bhala kumpanija li kienet tbiegh il-prodotti Fico li baqghet mieghu meta telaq minn ma Fico Ltd tant illi l-hanut tieghu tal-Hamrun jisimha Fico u l-kumpanija hija Horeca Supplies Ltd. Il-hanut tal—konvenut kien infetah f'Gunju 2020 bl-affarijiet li furnieh bihom hu, waqt illi kienu ghadhom qeghdin jinnegozjaw flimkein biex jaghmlu ftehiem. Ghalkemm qatt ma gie iffirmat u Bharwani kien talbu biex jfornieh bil-materjal prima biex jkun jista' jaghmel il-gelat. L-impjegati Adelaide, Rosario u Martina kienu jew impjegati ma' Hoerca jew kienu jaghmlu xi ftit granet u kien jhallashom permezz ta' bank transfer. Bharwani kien talbu biex jghinu jopera l-hanut ghax ma kienx jaf kif u gieli bghatlu n-nies jew hadem hu stess. Wara ftit Bharwani kien talbu biex jistariglu lit-tfal biex jahdmu fil-hanut u l-impjegati tieghu bdew jittrenjaw lit-tfal tieghu. L-affarijiet indikati f'Dok A ma gewx irritotnati, kien zammhom Bharwani li kien risponsabbli dak iz-zmien, ghax kien talbu jaghtih il-brioche ghal gelat, pastries, croissants ghax hu kellu fejn jahdimhom hu stess. Hu kien bghat l-impjegati tal-hanut tieghu fil-Hamrun biex jahdmu ma' Bharwani biex jaghmlu training imma ma kienx jaf x'kien qieghed jigri ezatt u ma kellux x'jaqsam mar-rapport ta' bejn l-impjegati u t-tfal ta' Bharwani. Apparti l-affarijiet li jintuzaw fil-prodott kien hemm affarijiet li jintuzaw fil-gelat apparti l-mixer, stand tal-umbrella u display li kellha ssir minhabba fil-Covid u frames li jintuzw ghal prezzijiet.

Tiziana Debbia xehdet illi hi kienet tahdem ma' Rajan Simon Bharwani mit-22 ta' Gunju 2020 sas-7 ta' Novembru 2020 u kienet tipproduci l-gelat fil-hanut tal-gelati li l-ewwel kien jismu Fico u wara inbidel f' *Gelato and More*. Bharwani kien fetah il-hanut f'Lulju 2020, tiftakar li kienu ircevew merkanzija minghand is-socjeta ta' Burruana li kien jinkludi prodotti nofshom lesti biex jigi prodott il-gelat tad-ditta Elena Partanna Mondello, Palermo u diversi tipi ta' taghmir fosthom blender professjonali ahdar tad-ditta Fimar. Kienet hi li infurmat lil Buruanno b'dak illi kien mehtieg biex tipproduci l-gelat fil-hanut. Qabel ma Bharwani fetah il-hanut tal-gelat u fl-ewwel gimghat Adelaide Pepe, Martina Mangiafico u Rosario Mancuso li kienu impjegati ta' Burruana kienu hadmu fil-hanut *Gelato and More*. Fil-fatt Bharwani kien ghadu ma hallashiex tal-granet tax-xoghol li hadmet mieghu bejn it-22 ta' Gunju 2020 u l-1 ta' Lulju 2020 li jammontaw ghal-€450.

Fit-18 ta' Mejju 2022 xehed Rajan Simon Bharwani illi sentejn qabel kienu marru tlett persuni li kienu diretturi fis-socjeta Fico Ltd, biex jikru l-hanut tieghu fi Triq il-Merkanti ghal haunt tal-gelat u kienu iffirmaw ftehiem. Peress illi kien hemm is-sitwazzjoni tal-Covid kienu waqghu lura fil-pagamenti tal-kiri u tad-dawl u ilma u ftehmu li kienu ha jcedu l-kirja u kien ser jiftah il-hanut hu. Id-direttur tal-Horeca Ltd kien qallu peress illi

inti ma jifhimx fil-gelati jkun ahjar li kien jiehu hsieb hu u hu qallu li ried jahsibha. Fl-ahhar ta' Gunju 2020 ftehmu li ha jhaddem lit-tfal tieghu biex jghallilmhom u bdew jaraw kif ha jsir l-arrangament qabel ma jiffirmaw. Gablu l-affarijiet u qallu li kollox f'idejh. Darba minhhom bdew jiggieldu il-Manager Luca u Tiziano, li kienu t-tnejn jahdmu mas-socjeta attrici u t-tifla tieghu li ghandha sittax-il sena, cemplitlu mbikma. Hu mar il-hanut u qalilhom li ma setax jacceta s-sitawazzjoni li jqabdu t-tifla tieghu tnaddaf it-toilet u li jiggieldu u qalilhom biex jitilqu l-barra u li ma riedx ix-xoghol li kien hemm u ried li jmexxi kollox hu. Sa dak iz-zmien ma kienx hemm ftehiem, kienu ghadhom qeghdin jiddiskutu u hu ma ried jaghmel xejn qabel ma jkollu kollox bil-miktub. Hu accetta li jhallas ghal pakketti li kienu miftuhin u kien hallas invoice fl-ammont ta' €1,664 skond Dokument SJB1. Wara li hallas dan l-ammont mar b'zewg invoices ohra,u riedu jhallas tal-impjegati tas-socjeta attrici u dan wara li kien hafrilhom xi €19,000 minhabba li telqu l-kirja. Hu qal lil Burruana, li ma kellhom ebda ftehiem u kien hu li qabad u ha l-affarijiet li minghalih li kien hemm bzonn f'Dok A, ghalkemm hu ma kienx ordnhom u qatt ma kien talab konsulenza ghax kien mar persuna u bajadlu l-hanut u li kien hemm haddiema li hu imbaghad kien keccijha, izda mhux hu kien inkarighom. B'referenza ghal Tiziano Debbia, dan dam jahdem mieghu sitt xhur u dejjem haslu, izda wara li spicca ippretenda li jithallas ta' l-ewwel gimgha meta ma kienx ghadu impjegat tieghu u hu hadu DIER biex jara kellux ragun u kien irrizulta li hu ried jithallas ta' xi *leave* u mhux ta' dik il-gimgha. Hu kien halsu bir-revolut ghax ma kellux kont. Il-hanut kien dam sitt xhur jopera, kien joperah hu stess ghax ma kienx ftiehem mas-socjeta attrici u wara sitt xhur kien irritorna l-equipment li kien tas-socjeta attrici. Kien juza' dan l-equipment meta kien miftuh ghax skond il-ftehiem seta' juzah ghax kien hafrilhom €25,000. Fil-kontro ezami hu qal illi l-hanut *Gelato and More* infetah f'Lulju 2020 u ma jaqbilx li kien hemm bzonn li jsir xi xoghol apparti tindif ghax kien gja armat ghal gelati minn qabel. Hu kien qieghed jinnegozja ma Burruana biex jaraw jaghmlux ftehiem ghax hu kien direttur tal-kumpanija li kienet topera qabel li kienet tikri minghandu u kien qieghed jissugerilu x'jaghmel imma iddecida li ma jifffirmax ftehiem mieghu. Dan ix-xoghol sar minn haddiehor imma ma jafx kienux haddiema tal-attur ghalkemm tieghu ma kienux. Il-makkinarju kien ta' Fico Ltd li tawh l-uzu ta' makkinarju flokk ir-renta li kellhom jhalsuh u ghalhekk kien ftiehem f'Jannar 2020 mas-socjeta li peress illi hafrilhom il-kera kien ser juza' l-makkinarju taghhom u Burruana kellu jaghtihom training fuqhom. Hu ma kienx jaf jekk Burruana kien ghadu involut ma' Fico Ltd f'Jannar 2020, imma fil-ftehiem kien hemm li kellhom jibghatu n-nies biex jitterenjaw lin-nies kif jhadmu l-makkinarju. Hu qatt ma kien hallas ghat training li sar minn Rosario ghax skond il-ftehiem dan kelllu jithallas mis-socjeta Fico Ltd, Rosario kien ghamel xi xoghol ta' manutenzjoni tal-makkinarju. Mistoqsi kif ma ipprezenta xejn biex juri li s-servizz ta' training kien ser jsir b'xejn hu wiegeb li ma giex mitlub jipprezentah qabel. Dwar Adelaide Preca, qal illi kienet tahdem fil-hanut bhala manager u kienet impjegata ta' Burruana imma hu qatt ma hallasha ghax kienet qieghda turi n-nies kif jhadmu l-makkinarju ghax il-hanut ma kienx ghadu infetah ghax jiftakar li l-hanut infetah fil-15 ta' Lulju 2020. Wara li infetah il-hanut it-tfal kienu jkunu fil-hanut u Burruana kien jisuplixxi l-materjal biex jaghmel il-gelat u l-ordinjiet kienu jsiru mis-*salesreps* li kienu tghalmu minn Rosario u Adelaide. Hu kien hallas tal-afffarijiet miftuhin fl-invoice a foll 30 izda l-invoices a foll 3 u 4 ma kienx hallashom.L-affarijiet kienu haduhom maghhom Fico Ltd f'Jannar 2021 meta kienu hadu l-makkinarju. Hadd ma kien qallu li Burruana ma kienx involut aktar ma' Fico Ltd ghalkemm jaf illi l-invoice harget minn Horeca Ltd.

Ra illi fis- 17 ta' April 2023 saret it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra;**

It-Tribunal ra d-dokumenti ipprezentati fosthom Dok A u Dok B li s-socjeta attrici tghid illi kienu dovuti u li l-konvenut jaccetta li dawn l-affarijiet gew supliti u li sar training lill-haddiema tas-socjeta attrici izda jghid illi qatt ma thalsu ghax hu kien kera lil-hanut tieghu lill Fico Ltd li maghhom kien ukoll direttur Luca Burruana u kienu iffirmaw ftehiem fejn minflokk jhalsuh l-kera dovuta kienu ser jfornuh bil-makkinarju u training biex jaghmel il-gelat. Jirrizulta li Fico Ltd ssuplexiet il-makkinarju lil konvenut li fetah il-hanut u dam jopera madwar sitt xhur. Qabel ma fetah il-hanut is-socjeta attrici ipprovdiet training kif jhadmu l-makkinarju u hdmu ukoll haddiema tas-socjeta attrici u kien ukoll beda jissuplexieh bil-prodotti ghal-gelat waqt illi kienu qeghdin f'negozjati biez jaraw jaghmlux ftehiem flimkien. Dan il-ftehiem ma sarx ghax il-konvenut kien kecca l-impjegati tas-socjeta attrici wara li t-tifla tieghu cemplitlu mbezza' ghax l-impjegati bdew jiggieldu fil-hanut. Il-konvenut jsostni li l-affarijiet ma kienx ordnhom hu u l-attur kien qabad u bghathom u hu kien halsu tal-affarijiet miftuhin skond Dok SPJ1. Fil-kontro ezami jghid illi meta is-socjeta Fico Ltd kienet gabret il-makkinarju kienet gabret ukoll il-prodotti ta' Horeca Ltd. Ghalkemm fl-invoice hemm il-kelma Fico jidher car illi s-socjeta li kienet qieghda tippretendi pagament kien Horeca Ltd li hija personalita distinta minn Fico Ltd. Ghalhekk jekk fil-verita il-konvenut kellu ftehiem ma' Fico Ltd li jipprovdu t-training huma, ma setax jippretendi li s-socjeta attrici tkun marbuta b'dan il-ftehiem u missu rrritorna l-materjal li ma intuzax lis-socjeta attrici mhux jhalli lil Fico Ltd tiehu l-materjal meta hadu l-makkinarju. Is-sieghat li hadmu il-haddiema tas-socjeta attrici kif ukoll il-prodotti li gew forniti lil konvenut mis-socjeta attrici kienu dovuti minnu u jekk kien hemm ftehiem ma' Fico Ltd, ma setax jippretendi li s-socjeta attrici tkun obbligata taghmel dak li kien dovut minn Fico Ltd stante li hija socjeta distinta mis-socjeta Fico Ltd.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tals-socjeta attrici u jordna lil-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u disgha u disghin euro u tmienja u sebghin centezmu (€2,499.78) lis-socjeta attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas shih.

l-ispejjez ghadhom jithallsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**